# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Nru 23 Marzu - April 1985

# GĦALIEX IL-PAPA MA GĦADUX 'PRIĠUNIER' TAL-VATIKAN

*Il-Papa Ġwanni Pawlu II għadu kif temm vjaġġ ieħor barra minn l-Italja, vjaġġ li wasslu f'ħames pajjiżi ta' l-Amerika t'Isfel. Dan kien is-26 vjaġġ li l-Q.T. għamel minn kemm ilu li laħaq Papa. F'anqas minn 7 snin, il-Papa, tista' tgħid, ġera mal-inħawi kollha tad-dinja,. . . rifes f'artijiet sinjuri u fqar. . . żar popli ta' kull razza u twemmin. X'qiegħed iwassal lill-Papa jagħmel dan?*

Saret kważi tradizzjoni. . . tara raġel mibni tajjeb. . . b'wiċċ daħkan u b'għajnejn ċari, liebes l-abjad. . . nieżel b'pass ħafif mill-ajruplan u qabel jibdew iċ-ċerimonji tal-wasla, jinżel ma' l-art u jbus it-trab tal-pajjiż li jkun ser iżur. Att ta' qima lejn dan il-pajjiż. . . att ta' umiltà mill-persunaġġ ċelebri, u talba ħerqana lill-Mulej biex jitfa' barkiet speċjali fuq dak in-nazzjon li aċċetta li jilqgħu.

Kemm jitbiddlu ż-żminijiet! Meta t-twajjeb Papa Ġwanni tħajjar jitbiegħed ftit mili mill-Vatikan, bosta ppruvaw jiddiswaduh għax sostnew li mhux xieraq li l-Papa jwarrab mill-Vatikan'. Illum, kwart ta' seklu wara, il-Papa sar il-Missjunarju Straordinarju li minn żmien għal żmien iżur diversi nħawi tad-dinja jwassal messaġġ ta' paċi u ġid. Sar qisu "San Pawl ta' l-Għoxrin Seklu" li jixtieq li l-preżenza ta' Ġesù tinħass kullimkien. . . u min kull poplu.

Illum kulħadd jaqbel li l-Papa preżenti għandu ċerta 'kariżma' li tiġbed lejħ in-nies. . . ta' kull din. . . ta' kull kundizzjoni. Miljuni segwewh meta żar artijiet tradizjonalment kattoliċi u miljuni oħrajn marru warajh anke f'dawk il-pajjiżi fejn il-kattoliċi huma minoranza. Ma kinitx sorpriża li tara għexieren ta' eluf ta' nies meta l-Papa mar il-Polonja, imma bosta stagħġbu tassew meta folol tremendi segwew il-Papa meta dan mar l-Ingilterra fejn 'il-Papisti' dejjem ħarsu lejhom b'ċertu suspett.

U għal kulħadd il-Papa għandu **messaġġ speċjali. Mhux messaġġ** biex isir iktar popolari. Kultant kliem il-Papa jinħass tqil u iebes biex jitwettaq imma messaġġ sinċier u ħiereġ mill-qalb. In-nisa Amerikani ma ħadux gost jisimgħuh igħidilhom biex 'jinsew' il-ħolma li jsiru saċerdoti u nies Marcos ma ridux jisimgħu dwar l-inġustizzja u d-diskriminazzjoni. Għax il-messaġġ tal-Papa mhux il-messaġġ tiegħu. . . imma l-messaġġ ta' Ġesù li hu fuq l-art jirrappreżenta.

Meta l-Papa jżur dawn il-pajjiżi jsir jaf iktar mill-qrib il-problemi tagħhom. Għax il-Papa ma jmurx biss fi bliet kbar bħal Pariġi, New York, Madrid, Lima u Brasilia iżda iżur ukoll il-foqra ta' Calcutta u l-Indios tal-Peru u Tobago. Jara t-tbatijiet tagħhom mill-qrib u jħeġġeġ lil min hu responsabbli biex jgħin ħalli tittaffa t-tbatija, titnaqqas l-inġustizja u titjieb il-qagħda tagħhom. U jgħidilhom: "Sinċerament ngħidilkom li nħoss magħkom u niġi ħdejkom biex nurikom x'post speċjali għandi f'qalbi għalikom ilkoll"

Jalla l-Mulej ikompli jagħti s-saħħa u l-enerġia lill-Papa biex isib żmien iżur lin-nies tal-kontinenti kollha. . . jaqsam magħhom it-tbatija u l-ferħ. . . is-suċċess u d-diżappunti. U jiswa li niftakru ntennu xi talba ċkejkna biex il-messaġġ tal-Papa ma jibqax biss kliem sabiħ imma jsir programm ta' ħajja għall-ġid ta' l-umanità.



**Il-Papa jidher quddiem is-Salib enormi tal-concrete li twaqqaf apposta fil-belt Kapitali ta' Warsaw**

# Wirja dwar il-Vari Titulari

L-iskultur Malti Pietru Pawl Azzopardi (1791-1875) ġie mfakkar b'mod l-aktar xieraq u dinjituż fil-Wirja **"Titular Statues and Their Statuaries in Malta and Gozo"** li ġiet organiżżata mis-Sur Guido Lanfranco, taħt il-patroċinju ta' **"The Historical Society"**. F'din il-wirja kienet tolqot l-għajn il-'panel' li fakkret l-esekuzzjoni ta' l-ewwel vara titulari t'Għawdex: l-istatwa artistika ta' San Ġorġ, maħduma bl-akbar sengħa fl-injam minn Pietru Pawl Azzopardi fl-1839.

Il-Wirja nżammet fl-Annex tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta u fiha kien hemm miġbura mat-tlett mitt ritratt u stampa tal-vari titulari tal-parroċċi u knejjes oħra f'Malta u Għawdex, kollezzjoni kompliita tal-vari titulari maħdumin minn mudelli tat-tafal, kif ukoll sezzjoni għall-istatwarji jew artisti li ħadmu l-vari titulari, imżewqa bl-aktar tagħrif interessanti u ritratti.

**23 t'April**

Nhar it-Tlieta 23 ta' April id-dinja kollha tfakkar u tagħti ġieħ lill-Qaddis Padrun tagħna San Ġorġ Martri. Il-Parroċċa tagħna wkoll dak in-nhar tingħaqad mall-popli kollha tad-dinja biex tfakkar kif jixraq Jum il-Festa Liturġika tiegħu. Fil-Bażilika jsiru funzjonijiet speċjali li jilħaqu l-qofol tagaħhom b'Pontifikal Sollenni mmexxi minn Mons Isqof N. Cauchi. Xieraq li kull wieħed u waħda minna ma nħallux din l-okkażjoni tgħaddi mingħajr ma noffru 'bukkett fjuri spiritwali' lil "Ġorġi Tagħna" — Qrara Sinċiera u Tqarbina Devota. Nersqu lejn il-maħbub Qaddis tagħna u nitolbuh jieqaf magħna fil-bżonnijiet u d-diffikultajiet kollha li niltaqgħu magħhom fil-ħajja.

**Rigal**

Group ta' 14 l-emigrant Ġorġjan fl-Amerika u l-Kanada offrew rigal sabiħ lill-parroċċa. Bejniethom ħallsu l-ispejjeż kollha tal-pubblikazzjoni ta' Brochure ġdid għall-knisja li għadu kif ġie stampat biex jitqassam fost l-għadd kbir ta' turisti li jżuru l-Bażilika. Nirringrazzjawhom.

**Il-Films 'H'**

Kien ta' l-akbar sodisfazzjon dan l-aħħar nisimgħu lill-Management tat-Teatru Astra jikkonferma għal darb'oħra d-deċiżjoni tiegħu li ma jurix films klasifikati 'H' fit-Teatru Astra. Din il-konferma hija waħda ta' min ifaħħarha. Nistiednu lil sidien ta' cinemas f'dawn il-gżejjer li għadhom ma kkundannawx għal kollox il-wiri ta' din ix-xorta ta' films mis-swali tagħhom, sabiex huma wkoll jimxu fuq il-passi tal-Astra Management għall-ġid tal-'picture-goers' Maltin u Għawdxin kollha.

**Sejħa liż-Żgħażagħ**

Bħala tifkira tas-Sena Ċentinarja ta' San Ġorġ, kif ukoll fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ, il-Parroċċa tagħna qed torganiżża laqgħa ta' kull ġimgħa għaż-żgħażagħ. Din qed issir fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali kull nhar ta' Ġimgħa fil-5.30p.m. Għal din il-laqgħa huma mistiedna ż-żgħażagħ tal-parroċċa tagħna li ma jmorru f'ebda laqgħa oħra; huma mistiedna wkoll dawk iż-żgħażagħ li għalkemm jattendu f'xi għaqda reliġjuża, jħossu l-ħtieġa li jagħtu s-sehem tagħhom fil-ħidma tal-parroċċa.

## *Nifirħulu*

Minn dawn il-kolonni nixtiequ f'isem il-Komunità Parrokkjali ta' San Ġorġ nifirħu lil Fr Joseph Farrugia, wieħed mis-saċerdoti tal-Parroċċa tagħna, li għadu kif kiseb l-ogħla grad ta' l-istudji teoloġiċi tiegħu f'Ruma. Qrib tmiem l-istudji tiegħu fis-Seminarju Verskovili ta' Għawdex Fr. Farrugia ġie orndat Djaknu mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi fil-Knisja Katidrali. Sena wara, flimkien ma' żewġ ulied oħra tal-Parroċċa tagħna, huwa ġie ordnat Saċerdot fil-Bażilika ta' San Ġorġ mill-Em. T. il-Kardinal E. Florit fl-okkażjonii tal-festi ċentinarji tal-1978. Dritt wara, Fr. Farrugia ġie mibgħut Ruma biex isegwi l-istudji teoloġiċi tiegħu fil-Pontificia Università Gregorjana. Hemmhekk huwa kiseb, wara sentejn, il-Liċenzjat fit-Teoloġija Dogmatika (S.Th.L.). Dritt wara, Fr. Farrugia beda tlett snin ta' riċerka dottorali fil-kamp tat-Teoloġija Fondamentali dwar ir-Reliġjonijiet Mhux Insara, speċjalment l-Islam, fit-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II u, propju fil-21 ta' Novembru 1984, Fr. Farrugia ġie mogħti mill-istess università il-grad tad-Dottorat fit-Teoloġija (S.Th.D.).

Minbarra studji oħra li għamel fil-Pontificia Università Lateranense, Fr. Farrugia kellu ħidma pastorali f'diversi parroċċi ta' Ruma u f'kulleġġ ta' studenti universitarji statali. Fost il-ħidmiet tiegħu f'Għawdex, Fr. Farrugia għandu t-tagħlim tat-Teoloġija Dogmatika fis-Seminarju Maġġuri tad-djoċesi tagħna.

Mill-ġdid nifirħulu lil Fr. Farrugia u nawgurawlu ħidma fejjieda fl-għalqa tal-Mulej.



***Fr. Joseph Farrugia waqt laqgħa li kellu mal-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Pontificio Seminario Lombardo fejn huwa kien residenti fis-snin tal-istudji tiegħu f'Ruma.***

## Ħinijiet tal-Quddies ta' Filgħaxija fil-Bażilika ta' San Ġorġ

**Mill-1 sat-30 ta' Marzu:** Kuljum — 5.00p.m. u 6.30p.m.
Nhar ta' Ħadd — 4.00p.m. u 5.30p.m.

**Mil-31 ta' Marzu sal-aħħar t'April: Kuljum — 5.30p.m. u 7.00p.m.**
**Nhar ta' Ħadd — 5.00p.m. u 6.30p.m.**

# F'EGĦLUQ IL-MIJA U ĦAMSA U SEBGĦIN SENA TAL-ISTATWA TA' ĠESU - MARIA (1810-1985) MEQJUMA FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

*Kitba tal-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

**L-Artal ta' Ġesù-Maria**

Biex nimxu kronoloġikament ma' ġrajjiet il-Bażilika ta' San Ġorġ f'din il-kitba se nsemmu l-Artal ta' Ġesu-Maria, il-Fratellanza li hemm imwaqqfa f'dan l-Altar u l-istatwa artistika li preċiżament din is-sena tagħlaq mija u ħamsa u sebgħin sena.

Qabel l-artal ta' Ġesu-Maria, l-ewwel artal kien meqjum lil Sant'Injazju minn Loyola (c1491-M1556) u lil San Franġisk Saverju (1506-1552). Ix-xbieha tagħhom għada tidher sal-lum fil-kwadru artistiku ta' Ġesu-Marija li sal-lum ma nafux l-artist li pittru. L-Università ta' Għawdex, (jiġifieri l-Gvern ta' Għawdex) dari kienet tħallas għall-quddiesa kantata ta' nhar il-festa ta' Sant'Injazju li ssir fil-31 ta' Lulju u ta' San Franġisk Saverju li kienet issir fit-3 ta' Diċembru[1] L-Istoriku Għawdxi l-Kanonku Gan Piet Agius De Soldanis (1712-1770) igħidilna: "Din il-knisja għandha erba' artali kull naħa. Fin-naħa tal-lemin ta' l-artal maġġur, l-ewwel wieħed hu meqjum lil Ġesu-Marija li fih ukoll ix-xbieha ta' Sant'Injazju u ta' San Franġisk Saverju"2

Altar sabiħ u artistiku li għandu l-maqdes monumentali ta' San Ġorġ huwa dak ta' Ġesu-Marija. Dan l-altar kien ġie ikkonsagrat għall-ewwel darba mill-Isqof ta' Malta u Għawdex Fra Vincenzo Labini (1780-1807) fil-5 ta' Mejju 1789. Il-Papa Ljuni XIII (1878-1903) fis-sena 1826 għamel li dan il-artal ikun privileġġjat. Meta l-konsagrazzjoni ta' dan l-artal kienet spiċċat, mill-ġdid kien ġie ikkonsagrat mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Pietru Pace (1877-1889) fit-13 ta' Novembru 1887[3].

Dan l-artal, bħal l-artali l-oħra, fih prospettiva l-ġmiel tagħha. Hija kollha skultura fil-ġebel fuq stil purament barokk. Fis-sena 1983 kienet ġiet indurata bid-deheb mill-artista Għawdxi Ġużeppi Sagona. Ħallas għaliha s-surmastru Salvu Galea (Ta' l-Orjenti). Il-kwadru artistiku ta' Ġesu-Marija kien ġie wkoll imnaddaf fl-istess sena li saret l-induratura tal-prospettiva[4].

**Il-Fratellanza ta' Ġesu-Marija**

It-tieni fratellanza mwaqqfa fil-Bażilika ta' San Ġorġ hija dik ta' Ġesu-Marija. Qabel din, fil-qedem kien hemm imwaqqfa fis-sena 1620 il-Kongregazzjoni ta' San Lazżru jew tal-Karità[5]. Triq Karità fir-Rabat kisbet dan l-isem meta spiċċat din il-Kongregazzjoni ta' San Lazzru li kellha bidu mall-Fratellanza tas-Sagrament[6]. Magħquda ma' dan l-artal hemm il-Fratellanza ta' Ges-Marija li ġiet imwaqqfa fis-sena 1715 u mwettqa mill-Isqof Cannaves. Fis-sena 1716 din il-Fratellanza ġiet magħquda ma' l-oħra tas-Ss.mu Sagrament. għandha r-regolamenti tagħha u tinsab immexxija minn qassis li jieħu ħsiebha[7].

Il-Fratellanza ta' Ġesu-Marija ġiet imwaqqfa fi żmien l-Arċipriet Dr. Dun Nicolò Cassia Magri S.Th.D.J.U.D. (1691-1729) fis-sena 1715 fi żmien l-Isqof Fra Ġakbu Cannaves (1713-1722) li fis-sena 1714 kien għamel l-ewwel żjara Pastorali f'din il-Parroċċa. Dan l-Isqof kien ta wkol l-approvazjoni tiegħu għat-twaqqif ta' din il-Fratellanza[8].

Għall-bidu l-fratelli ta' Ġesu-Marija ma kellhomx konfratija. Kien fi żmien l-Arċipriet Dr Saver Cassar S.Th.D. (1773-1805) li fis-sena 1797 dawn il-fratelli bdew iġibu l-mozzetta vjola u l-istandard. Dan l-ilbies ġdid lill-fratelli ta' Ġesu-Marija qajjem għelt ma' dawk ta' San Calogeru ta' San Franġisk min minnhom għandu jimxi l-ewwel fil-purċissjonijiet. Id-deċiżjoni ġiet favur dawk ta' san Calogeru.[9]

**L-Istatwa Artistika ta' Ġesu-Marija**

Sewwa sew din is-sena l-vara artistika ta' Ġesu-Marija tagħlaq 175 sena. Hija xogħol l-iktar mirqum fl-injam u ħadimha l-Malti Sigismondo Dimech (T.M. 1780-1853) fis-sena 1810[10].

Xogħol ieħor ta'Sigismondo Dimech u ibnu hija l-iskultura kollha fil-ġebel tal-faċċata tal-Bażilika ta' San Ġorġ, li kienet inbniet mill-ġdid fis-snin 1816-1817 fuq il-pjanta ta' l-Arkitet Għawdxi Dr Salvatore Bondi (1790-1859). L-iskultura kienet saret fis-sena 1817. Fuq il-pilastru taħt il-kapitell li jħares lejn lvant hemm kitba fil-ġebel li tgħid: "Sigismondo- Ferdinando - Dimech-Padre e Figlio 1817"11

Il-vara ta' Gesu-Marija ġiet ikkundannata fil-Viżta Pastorali ta' Mons Gra Gann Marija Camilleri o.E.S.A. minħabba li Kristu kien ftit għeri. Kien żied xi ħaġa żgħira fil-mant fuq is-sieq tal-lemin ta' Kristu l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri. L-istatwa ħaduha fil-kunvent ta' Carolina (tas-Sorijiet Dumnikani). Mons Isqof G.M. Camilleri berikha fl-10 ta' Jannar 1891. L-għada ġabuha privatament f'San Ġorġ[12].

Fil-Konsulta li saret lill-fratelli ta' Gesu-Marija l-Ħadd 20 ta' Marzu 1892 f'San Ġorġ mill-Arċipriet Dr Felic Refalo kien ġie magħżul prokuratur ġdid Dun Vincenz Buġeja (Ta' Rosanna) flok il-mejjet il-Kan. S. Mercieca[13]. Kien il-Prokuratur Dun Vincenz li ħa ħsieb jindura u jisgrafja din il-vara' artistika, liema xogħol għadna ngawduh sal-lum.

REFERENZI:

1 Kan. Dun Nikol Vella Apap - Storja tal-Knisja f'Għawdex Ms. Vol.III p.112

2 Mons Dun Gużepp Farrugia - Għawdex bil-Grajja Tiegħu, miġjub għall-Malti . It-tieni ktieb p.48

3 Kan. Dun Nikol Vella Apap - Storja tal-Knisja f'Għawdex Ms. Vol.III p.113.

4 Kan. Dun Nikol Vella Apap - "Kronaka" Ms. Vol. 40 p.5

5 Achille Ferris - Descrizione Storica Della Chiesa Di Malta e Gozo - p. 554.

6 Marian Devotions in The Islands of St. Paul - p. 244
Marian Devotions In Gozo - Joseph Bezzina

7 Mons Dun Ġużepp Farrugia - Għawdex Bil-Ġrajjiet Tiegħu, miġjub bil-Malti. It-Tieni Ktieb p.48

8 Kan Dun Nikol Vella Apap - Tagħrif Storiku fuq Għawdex, Ms. Vol 3 (mhux impaġnat )

9 Achille Ferres - Descrizione Storica Della Chiesa Di Malta e Gozo - p. 554.

10 P.P. Castagna - Malta bil-Gżejjer Tagħha - 1869. It-Tieni Parti Appendici p.107

11 Kan. Dun Nikol Vella Apap - Storja tal-Knisja f'Għawdex, Ms. Vol. III p. 95.

12 Dun Ġużepp Zammit DD.- Diario - Ms Vol. 3. p. 180.

13 L-istess Vol. 3 p. 20.

## Editorjal

# ŻGĦAŻAGĦ:
# Is-Sena 1985
# hija s-Sena Tagħkom

Is-sena li qegħdin fiha ġiet magħżula mill-Għnus Magħquda bħala s-SENA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, u ġie magħżul bħala motto għal din is-sena:

"PAĊI - ŻVILUPP - PARTEĊIPAZZJONI"

Il-knisja f'pajjiżna aċċettat dan il-motto, iżda libbsitu b'xi ħaġa propja tagħha: żiedet il-kelmiet **Fi Kristu, Ma' Kristu u Bi Kristu**

Il-Knisja, mela, matul l-1985 qegħda tistenna li ż-żgħażagħ tagħna jħabirku għall-paċi, igħinu lilkom infushom sabiex jiżviluppaw, jikbru u jimmaturaw f'irġiel u nisa ta' l-affari tagħhom, u jipparteċipaw bi sħiħ fl-attivitajiet kollha li l-knisja u l-pajjiż jorganiżża. Però dan jista' biss jiltlaħaq jekk kemm il-darba din il-ħidma kollha ż-żgħażagħ jagħmluha **fi Kristu, ma' Kristu u bi Kristu.**

F'messaġġ li l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II għamel f'Jum il-Paċi, fl-1 ta' Jannar ta' din is-sena, qal: *"Iż-żgħażagħ kollha tad-dinja jaqblu bejniethom b'mod tal-għaġeb, dwar il-ħtieġa tal-paċi, u din il-ħaġa hija qawwa tassew kbira għall-ġid ta' kulħadd. Iżda ż-żgħażagħ ma għandhomx ikunu kuntenti biss li* ***jħossu*** *ġo fihom ix-xewqa għall-paċi. Din ix-xewqa trid tinbidel f'konvinzjoni morali sħiħa li tħaddan il-problemi kollha tal-bniedem u hi mibnija fuq il-valuri li huma għeżież ħafna għalina".*

Għalkemm din hija s-sena taż-żgħażagħ, inkunu qegħdin niżbaljaw jekk naħsbu li min mhux żagħżugħ ma għandu x'jagħmel xejn ma' din is-sena. Xejn minn dan: il-kbar, l-anzjani, minn igħallem, il-ġenituri, huma kollha involuti f'din il-ħidma ta' din is-sena. Irridu nippruvaw ngħinu iżjed liż-żgħażagħ billi nifhmuhom naċċettawhom, nikkoreġuhom, nagħdruhom u fuq kollox ninkoraġġuhom fil-ħidmiet u l-attivitajeit li jistgħu jwettqu.

Il-Parroċċa tagħna bdiet ukoll attività għaż-żgħażagħ tagħha li ma qed imorru fl-ebda laqgħa jew fl-ebda għaqda reliġjuża. Qed issir għalihom laqgħa kull nhar ta' ġimgħa, fis-sala Parrokkjali fil-5.30 p.m. Nagħmlu appell liż-żgħażagħ sabiex jattendu u jibdew huma wkoll jagħtu s-sehem tagħhom għall-parroċċa tagħna.

Nispiċċaw bil-kelmiet tal-Papa Ġwanni Pawlu II, li fl-istess messaġġ li semmejna iktar 'il fuq, qal:

*"Id-dinja teħtieġ żgħażagħ li xorbu mill-fond tal-għajn tal-VERITÀ.*

*Tridu* **tagħtu widen għall-Verità:** *u għal dan jeħtieġilkom* QALB SAFJA.

*Tridu* **tifhmu l-Verità:** *u għal dan tridu UMILTÀ KBIRA;*

*Tridu* **toqgħodu għall-Verità: u taqsmuha bejnietkom,** *u għal dan tridu QAWWA li żżommu iebes għal kull ħajra ta' egoiżmu, suppervja u manipulazzjoni.*

*TRIDU SSAWWRU FIKOM SENS KBIR TA' RESPONSABILITÀ".*

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377



# Maħtur Kanonku Onorarju

Mons. Dante Balboni, Segretarju tal-"Pontificia Commissione Per l'Arte Sagra" għadu kif inħatar Kanonku Onorarju tal-Kolleġjata Bażilika tagħna. Il-ħatra tiegħu saret minn Mons Isqof Nikol Cauchi wara rakkomandazzjoni li saritulu minn Mons Arċipriet Emanuel Mercieca f'isem il-Kapitlu u l-Kleru Ġorġjan. Lil Mons Balboni niftakruh tajjeb fil-Festi Ċentinarji tas-sena l-oħra meta huwa ġie fostna bħala wieħed mill-mistiednin speċjali barranin biex jipparteċipa fil-funzjonijiet li saru fl-aħħar ġranet tal-Festa. Kien primarjament bl-inizzjattiva tiegħu li nġiebet fostna r-Relikwija Mirakoluża ta' San Ġorġ mill-Bażilika Rumana tal-Velabro.

Mons Balboni huwa studjuż kbir f'diversi oqsma. Huwa għallem f'diversi seminarji u istituti teoloġiċi fosthom l-Università Lateranensi u l-Atneo ta' Sant'Anselmo f'Ruma. Għal żmien twil huwa serva bħal Librar fil-Biblioteca Apostolica Vaticana fejn ħadem u studja l-aktar fis-sezzjoni tal-Archivio Segreto. Huwa fuq kollox awtur ta' għadd kbir ta' kotba u pubblikazzjonijiet ta' natura storika, aġiografika u liturġika.

Lil Mons Balboni nifirħulu u nawgurawlu AD MULTOS ANNOS.

## DONAZZJONIJIET

Id-Direzzjoni ta' "IL-BELT VICTORIA" tixtieq tirringrazzja lill-għadd kbir ta' familji li, wara l-appell li għamilnielkom fl-aħħar ħarġa speċjali dedikata lill-Festa Ċentinarja ta' San Ġorġ, ġentilment offrew donazzjoni b'risq ir-rivista. Waslulna diversi kontribuzzjonijiet ġenerużi, uħud minnhom anke 'l fuq minn Lm5, mhux biss m'għand familji Rabtin, iżda anke m'għand xi emigranti. B'kollox irċivejna s-somma sabiħa ta' Lm285.50c. Minħabba nuqqas ta' spazju mhux possibbli li din id-darba nippubblikaw l-ismijiet ta' dawk kollha li taw is-sehem tagħhom. Lil dawn kollha, iżda, nixtiequ f'isem l-Arċipriet u l-Board Editorjali, nirringrazzjawhom u nwegħduhom it-talb tagħna. GRAZZI TASSEW

## Qanpiena b'tifkira taċ-Ċentinarju

Is-sena li għaddiet, 1984, ir-raħal ta' Sannat ordna qanpiena oħra biex tagħmel parti mis-sett ta' qniepen li ġa hemm fil-kampnari tal-Knisja Parrokkjali. Il-qanpiena waslet Għawdex is-sena l-oħra stess, iżda għal raġuni jew oħra ma tqegħditx f'postha.

Billi din il-qanpiena ġiet ordnata u tlestiet fis-sena li fiha kien qed jiġi ċċelebrat is-17-il Ċentinarju mit-Twelid ta' San Ġorġ, il-Kommunità ta' Sannat, li minn dejjem kellha ġibda speċjali lejn San Ġorġ, iddeċidiet li ssemmi u tiddedika din il-qanpiena lill-Qaddis Patrun t'Għawdex, San Ġorġ, tant li minqux fil-bronż tal-qanpiena nsibu din l-iskrizzjoni bil-Latin: Clerus Populusque Sannatensis, in honorem Georgii Sancti Martiris Patronus Minus Principalis Gaudisiensium Dicavit, A.D. MCMLXXXIV.

Il-qanpiena li nħadmet ġo Franza miġ-Ditta Pakard tizen 160 kilo, iġġib it-ton ta' 'Mi Naturale' u tintona tajjeb ħafna mal-bqija tal-qniepen l-oħra.



Iċ-ċerimonja tat-tberik u l-inawgurazzjoni saret mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi, nhar is-Sibt, 9 ta' Frar, 1985. Żgur li meta s-Sannatin jisimgħu din il-qanpiena ddoqq, jiftakru fil-festi ċentinarji li saru fil-Gżira Għawdxija f'ġieħ San Ġorġ. Prosit għall-ħsieb ġentili ta' din il-Komunità Parrokkjali.

## EŻERĊIZZI 1985

**GĦALL-MIŻŻEWĠIN**
**25 ta' Frar sal-1 ta' Marzu**
*Predikatur: Patri Elija Vella O.F.M. Konv.*
*Ħin: 7.00 p.m.*

**GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:**
**4 sat-8 ta' Marzu**
*Predikatur: Dun Anton Borg S.Th.L.,Ph.L.*
*Ħin: 7.00 p.m.*

**GĦAL KULĦADD:**
**11 sal-15 ta' marzu**
*Predikatur: Kan. Dun Salv Borg*
*Ħin: 1.45 p.m.*

**Din t'hawn taħt hija ittra kunfidenzjali, imma ż-żagħżugħ li rċevieha tahielna minn rajh biex nippubblikawha. F'isem il-qarrejja, il-Bord Editorjali jirringrazzja lil daż-żagħżugħ, u xejn inqas lil Dak li bagħathielu.**

Triq Sant' Anna,
Wied il-Għasel,
Tal-Barrani.
10 ta' Frar, 1985

X'minnek, bukkett!

*Għandek seba' mitt sena sa ma tirċievi r-riżultat ta' l-eżami. Ikolli ngħid, did-darba ġġibha żewġ. Mhux għax studjajt wisq, niftiehmu, imma kellek xortik tajba. Sadattant, għadek ma ddeċidejtx intix ser tidħol l-Università jew le. Għandek 18-il sena magħluqa u għadek trid 'l ommok jew 'il missierek jiddeċiedu għalik. Tiħux fastidju, anki biex tixtri par żarbun jew ingravata, trid tieħu 'l oħtok miegħek. Naf li din hija deċiżjoni iebsa; hemm il-futur tiegħek fin-nofs; imma issa wasal iż-żmien li taqtagħha, 'l hawn jew 'l hemm. Pariri ħadt biżżejjed. Issa f'idejk; int tħoll u torbot.*

*Xi kultant tinkwetani. Għadek fl-aħjar tiegħek. Enerġija w entużjażmu għandek biex tbigħ. Imma oħroġ il-għaġeb, xi kultant narak diżgustat u mdejjaq. Ġie li tieħu għalik u ddendel il-geddum għal xejn b'xejn. Jew għax forsi xi ħadd qallek kelma żejda, iddum tħammem fuqha żmien. Jiġu ġranet meta d-dwejjaq qed tħallihom jaqbdu miegħek iktar milli jaqbad l-imħar mal-blat. Nhar il-Ħadd fil-għodu, pereżempju, għax ma sibtx il-qmis mgħoddija, għamilt qorti - u zerzaqtli xi waħda wkoll. Tgħallimtha m'għand missierek hux? Fil-ħaqq, tippretendix li ħa ssib dejjem il-lixx u d-dritt. Ħajja ward u żahar l-anqas fil-ħrejjef tas-sħarijiet ma ssibha. Ma tridx tkun fonqla, tfittex ix-xagħra fl-għaġina, w iġġibha bi kbira bħal dak li minn ġebla waħda jibnilek sur. Nammetti li għadek bla xogħol, bla sold fil-but; tiddejjaq, kull darba trid taqa' fuq missierek biex ikollok xi ħaġa x'tonfoq meta toħroġ ma' sħabek. Tinsiex kemm hawn 'klieb' li jridu jgerrmu l-istess għadma. Min jaf, hux, kieku kelli nsejjaħlek kelb, kemm tħares lejja biċ-ċiera!*

*Bilħaqq, ħa narġa' naqbadlek fuq nhar il-Ħadd. Jiena, ħobbni u obgħodni, dak li jkolli ngħidlek, ngħidhulek. Waqt l-Omelija, il-ħin kollu tpaċpaċ ma' sieħbek fuq il-futbol. Bilkemm ma tħajjartx ittella' sieq fuq oħra u taqbad taqra l-gazzetta. Ħammġitlek idejk bil-linka; attent li ma tħammiġlekx moħħok. Imbagħad il-qassis iqaddes, w int, Alla jbierek, tħares lejn Mari, donnok ridt tikolha bil-ħars. Naf, naf, li għandek grazzja magħha. Ma ntikx tort. Wiċċa ħelu daqs l-għasel Malti. Imma x'hemm taħt il-ġilda għadek ma tafx. Is-Sur Manwel kien igħallimha s-Sekondarja; staqsih fuqha, imbagħad kellimni. U xi tgħidli għal nhar il-Ħadd fl-għaxija? Mingħajr disco, sirt donnok ma tgħaddix. Għawdex tiekol qalbek; m'hawnx fejn*

jissokta paġna 7

# Rokna tal-Ladies Society

Bħalma anke f'dawn l-aħħar xhur il-'Ladies Society' issoktat bl-attivitajiet tagħha għall-benefiċċju tal-Komunità Parrokkjali tagħna u b'risq il-Bażilika Proto-Parrokkjali, fil-ġimgħat li ġejjin l-L.S. ser twettaq ukoll diversi attivitajiet reliġjużi, kulturali u ta' 'fund-raising'. Fost dawn l-attivitajiet ta' min isemmi b'mod speċjali **Nofs ta' Nhar Irtir li qed jiġi organizzat għall-membri nisa tal-Parroċċa** nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Marzu 1985 fil-għodu u li ser jitmexxa minn Dun Mikiel Saliba u l-**Ikla ta' Jum San Ġorġ** - Saint George's Day Dinner - li ser issir nhar is-Sibt, 20 ta' April 1985. Barra minn hekk, wara s-suċċess kbir li kellu l-'Christmas Sweets Bazaar' li sar fil-jiem ta' qabel il-Milied, il-L.S. għandha l-ħsieb torganiżża **Bazaar ieħor fil-jiem ta' wara l-Għid il-Kbir.**

*Għalhekk nappellaw lil kull min jista' b'xi mod jikkontribwixxi xi ħaġa għal dan il-bazaar b'risq il-Parroċċa tagħna biex jagħti s-sehem tiegħu billi jikkuntattja lill-Arċipriet jew lil xi membru tal-L.S. mill-aktar fis possibbli.*

# Il-Ġimgħa - JUM TA' PENITENZA

"Tul iż-żminijiet il-Knisja dejjem ħeġġet lill-insara biex irawmu fihom spirtu ta' penitenza, u riedet li dan l-ispirtu jidher fl-iimġiba u f'kull egħmil tal-komunità nisranija kollha". Hekk qalulna l-isqfijiet tagħna f'ċirkulari li ħarġu ftit qabel il-bidu tar-Randan ta' din is-sena. B'mod partikulari huma stiednu lill-insara biex iħarsu l-jum tal-Ġimgħa bħala jum ta' penitenza. Wieħed jista' jħares l-obbligu tal-penitenza kull nhar ta' Ġimgħa u matul ir-Randan billi:-

***ma jikolx laħam***
***jew jastjeni ruħu minn xorb alkoħoliku***
***jew ma jpejjipx***
***jew jiċċaħħad minn xi divertiment***
***jew jieħu sehem fil-Quddiesa jew jagħmil il-Via Sagra***
***jew jitlob iktar mal-familja (igħid ir-Rużarju)***
***jew jaqra l-Iskrittura Mqaddsa***
***jew irażżan l-infiq u jagħti l-karità***
***jew iżur il-morda jew ix-xjuħ li huma waħedhom***

# Ulied Ġodda fil-Parroċċa

27.10.84 JOSTIN, iben Victor Borg u Maria neè Cremona
10.11.84 MARIA, bint Emmanuel Cassar u Carmelina neè Saliba
18.11.84 MATTHEW, iben George Farrugia u Rita neè Grech
24.11.84 JAMES, iben Pasquale Grech u Maria neè Sacco
24.11.84 JONATHAN, iben Manuel Bugeja u Tania neè Grech
2.12.84 CHARLTON, iben Carmelo Cassar u Giovanna Antida neè Galea
2.12.84 ANDREW, iben Paul Zammit u Celestina neè Scicluna
8.12.84 ALFRED, iben Joseph Caruana u Francesca neè Caruana
8.12.84 DORIEN, bint Emmanuel Ellis u Maria neè Saliba
8.12.84 MARIELLA, bint Emmanuel Camilleri u Margaret Rose neè Callejja
9.12.84 JOSEPH, iben M'Angelo Saliba u Antonia neè Cassar
14.12.84 DAVID, iben George Cini u M. Regina neè Tabone.
30.12.84 CHRISTIAN, iben Anton Farrugia u Frances neè Spiteri
20.1.85 JOHANN, iben Vince Galea u Natalina neè Saliba.
3.2.85 RUTH, bint George Xerri u Maria neè Galea

# Daħlu Qabilna fl-Eternità

11.11.84 Anton Saliba
5.12.84 Ġużepp Tabone
12.1.85 Marija Cutajar
21.1.85 Antonia Abdilla
25.1.85 Mikiel Spiteri

# Ingħaqdu fiż-Żwieġ Nisrani

1.12.84
M'Assunta Attard u Charlie Theuma
9.2.85
Domnic Xuereb u Judy Cardona

# *Niltaqgħu Nhar . . .*

**MARZU**

It-Tlieta 19:
Sollennità ta' San Ġużepp. Fis-6.30 p.m. Konċelebrazzjoni.

L-Erbgħa 20:
Pellegrinaġġ Penitenzjali għal Ta'Pinu.
Fis-6.30 p.m. Konċelebrazzjoni.

Is-Sibt 23:
Tibda s-Settiena tad-Duluri. Fis-6.30 p.m. Quddiesa bil-priedka minn Dun Ġużepp Farrugia.

Il-Ġimgħa 29:
Festa tad-Duluri. Fis-6.30 p.m. Konċelebrazzjoni

Il-Ħadd 31:
Ħadd il-Palm. Fil-4.45 p.m. Funzjoni tat-Tberik tal-palm u ż-żebbuġ, u Proċessjoni. Fil-5.00 p.m. Konċelebrazzjoni Sollenni.

**APRIL**

L-Erbgħa 3:
Via Crucis u Konċelebrazzjoni Pontifikali mill-Isqof Cauchi fis-7.00 p.m.

Il-Ħamis 4:
Fil-5.00 p.m. Konċelebrazzjoni Sollenni. Fis-6.00 p.m. Proċessjoni devota u tradizzjonali tal-Ġimgħa l-Kbira bis-sehem tal-Banda La Stella.

Il-Ġimgħa 5:
Fil-5.00 p.m. Funzjoni Liturġika tal-Qari tar-Rakkont tal-Passjoni, Adorazzjoni tas-Salib u Tqarbin.

Is-Sibt 6:
Fit-8.00 p.m. Funzjoni tat-Tberik tan-Nar u l-Blandun. Konċelebrazzjoni Sollenni.

Il-Ħadd 7:
Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Sollenni tal-Għid tal-Mulej. Jibda t-Tberik tal-Familji tal-Parroċċa.

It-Tlieta 23:
Festa Liturġika ta' San Ġorġ. Quddies il-ġurnata kollha sal-4.00 p.m. Pontifikal Sollenni fis-7.00 p.m.

*tmur - qed tgħid bejnek u bejn ruħek. imma bil-mod, għax malajr tiżloq. Ftakar li qiegħed f'eta diffiċli, fi żmien ta' frugħa. Il-ħażin jaffaxxinak. Il-passjonijiet qishom nar ġo fik; tħosshom il-ġibdiet jaħdmu u jaħkmu fuq qalbek wisq iktar milli jħosshom min hu xieref. Imma timliex qalbek bid-duħħan. Imbagħad, brikkun li int, meta taqa', twaqqax u tgħaddasx 'il ħaddieħor miegħek. Naħseb li fhimtni għal min qed ngħid. Taf x'ħin ħadt gost bik? X'ħin rajtek sejjer tkellem lil Anton. Niftakar, kien kisirha miegħek għal xejn b'xejn; dan l-aħħar l-anqas biss baqa' jsellimlek. Imma int, b'imħabbtek irbaħtu. Dak il-ħin, x'ħin smajtek toffrilu jixrob miegħek, kieku stajt kont neħodlok b'idejk.*

*Jekk trid tgħix kuntent, u tibda tneħħi minn fuqek il-kabozza tan-nervi li qed ixxiddha sikwit, insa lilek innifsek. Ftakar f'ħaddieħor. Aħseb x'ser tagħti flok x'ser tirċievi. Ara kif sa taqdi, flok tistenna li jaqduk. Fl-elettriku, hemm il-wajer ħaj u l-ieħor mejjet. Sakemm għadek mimli bil-għomor u wisq iżjed, mimli bis-saħħa, nixtieq nibda narak qisek il-wajar il-ħaj - hawn wisq mejtin fost il-ħajjin tad-dinja. Nittama li titħajjar taħdem, u tħaddem it-tajjeb li hemm ġo fik, bl-iskop li tnaqqas, anki b'uqija waħda, il-miżerja li hawn fid-dinja. Taf kif spiċċa dak il-qaddej li kienu afdawlu talent wieħed; fl-aħħar ħaduhulu w ikkastigawh. Il-kastig ħadu mhux għax it-talent berbqu u ħlieh fix-xejn; mhux għax tilfu, jew fdah u serquhulu; l-anqas għax inqeda bih ħażin. Sidu ċanfru għax it-talent waħdani li kien afdalu, ħbieh u ma wżahx. U int, mhux għax f'wiċċek, għandek iktar minn talent wieħed; imma għadek qisek fenek grixti, tibża' tiftaħ fommok, tibża' turi lilek nnifsek, tibża' li tiżbalja. L-iżbalji jagħmlu bik wisq. Il-kritika tagħtik ġewwa. Ma tirrealiżżax li dak li jkun, isir bniedem ġdid, aħjar milli kien il-bieraħ, kull darba li jiehu żball w isewwih. Ha nagħtik parir b'xejn. Aħjar toħroġ tixbah lit-tiġieġa li tbid bajda waħda u jsir jaf biha kulħadd, milli tagħmel bħall-bakkaljawa, tbid għaxart elef bajda fis-skiet u jibqa' ma jaf biha ħadd. Imbagħad, wara kollox, meta tagħti milli għandek ġo fik, u tagħtih bi tbissima, tagħtih bil-qalb, minn tiegħek mhu se jonqos xejn. Kemm qalha tajjeb J.K. li xemgħa ma titlef xejn mid-dawl tagħha meta tqabbad xemgħa oħra.*

*Tiġix tgħidli li m'għandekx ħin. Il-President ta' l-Amerika, li min jaf kemm xogħol igħaddi minn taħt idejh, ma' kull xemx li titla', m'għandux sekonda ħin iżjed minnek. U ħaġ'oħra; l-anqas għandek tiġi taqa' u tqum mill-oħrajn. Intom in-nies tad-dinja m'intomx bħal dak iċ-ċagħak li jitgerbeb fuq ix-xtajta ma' kull mewġa li tidħol; waħda tmiss ma' l-oħra, imma l-ebda waħda ma jimportaha mill-bqija. Intom tridu minn xulxin. La għandkom missier wieħed, ma tistgħux tgħixu mifrudin, kulħadd merqtu u ftietu. Ngħid għalija, nistħajjilkom is-snien ta' dawk ir-roti żgħar li jħaddmu l-arloġġ; rota ma ddurx jekk ma ddurx ukoll ta' ma' ġenbha. Ma rridx nagħmillek prietki; biżżejjed għandek 'l ommok tippritkalek - u bejnietna - sakemm ommok għadha ħajja, ħobbha w uriha li tħobbha u tweġġgħalha qalbha qatt. Biss qabel nispiċċa nixtieq nagħtik parir ieħor ta' l-aħħar. Nixtieqek tissieħeb f'xi għaqda, f'xi soċjetà. Tingħalaqx f'qoxortok; ittellax ħitan madwarek; tibqax qisek qasba tixxejjer mar-riħ. L-għaqda li tidħol fiha jkollok tagħtiha, imma, ibqa' fuq il-kelma tiegħi, hi tpattihulek, u tpattihulek għal elf darba. 'Il quddiem tiġi fi kliemi u tara kif ma jiddispjaċikx.*

*Qabel inħallik - min jaf jiġinix ċans ieħor niktiblek ittra oħra! - qed nibgħatlek hawn taħt talba qasira. Sibtha b'kumbinazzjoni żmien ilu fil-kattidral ta'Chester, u malajr malajr qlibthielek għall-Malti. Meta tqum fil-għodu, għidha, u għaddiha lil sieħbek ħa jgħidha hu wkoll.*

*Il-paċi miegħek*

*Ħobbni dejjem*

*L-Anġlu Kustodju.*

Tini stonku tajjeb, Mulej,
u miegħu, xi ħaġa x'nitimgħu;
ġisem f'saħħtu agħtini, Mulej
u d-dehen li nżommu ma jonqsu xej';
tini moħħ f'sikktu, Mulej
biex b'għajnejn ir-ruħ
nara s-safi u d-dritt,
u jekk jixref id-dnub
minnu ma nitwerwirx,
'ma nfittex malajr nsewwi l-iżball;
tini moħħ li ma jiddejjaqx;
li ma jokrobx, ma jnewwaħx,
tħallinix ninkwieta wisq
fuq il-qanżħa msejħa Jien;
agħmilni ferrieħi, Mulej
biex ċajta, neħodha nsir naf;
w hekk nislet mill-ħajja koċċ ferħ
u dlonk lil ħaddieħor ngħaddih.

---

## Qalb Kbira . . . Festa Kbira *ERRATE ÇORRIGE*

p. 10, kol. 1, para. 1, vers 4, **neħħi** tlettax **u poġġi** sbatax
para. 2, vers 15, **neħħi** Tlettax **u poġġi** sbatax
p. 11, kol. 1, para. 1, vers 6, **wara** Borg, **żid:** il-Kan. Onor. Joseph Borg, Major.
p. 14, kol. 2, para. 1, vers 6, **żid:** Intant, fl-istess lejla, il-Banda 'Mnarja' tan-Nadur għamlet marċ ieħor li ntemm bi programm mużikali fit-Tokk.
para. 5, vers 1, **neħħi** 'King's Own' **u poġġi** 'La Stella'
para. 6, vers 9, **neħħi** 'King's Own' **u poġġi** 'La Stella'
p. 15, kol. 2, para. 2, vers 2, **wara** San Ġorġ, **żid:** fid-9.00 p.m. sar marċ, u wara, programm mill-Banda 'Prekursur tax-Xewkija.

# L-IMSALLAB

*(Djalogu ta' mħabba bejn in-nisrani u Ġesù)*

Għadek imsallab hemm
bħal elfejn sena ilu;
b'xagħrek twil,
b'idejk miftuħa
fil-għera u l-għura!
Ma rnexxilix bil-priedki kollha tiegħi
innizżlek minn fuq l-aħrax ta' dik l-għuda!
Inżel, inżel minn hemm . . .
Illum m'intix aktar ta' żmienna!
Illum,
iż-żgħażagħ ma jridux
jarawk għeri u mislub
Illum hawn huma, b'xagħ'rhom twil
bi lbies marsus
u dbielet qsar u twal
u jafu ma jridux bina ak[illegible]r. . . Bik!

Iva,
ħija l-għażiż,
ibni maħbub, għandek raġun.
Iż-żgħażagħ ma jridux jisimgħu bija
għax int ressaqtni lejhom. Ħażin wisq!
Minflok ixxandar lili, xandart lilek;
faħħart il-faqar u għext ta' għani kbir!
Wissejt lil min ma jħobbx. . .
int ma ħabbejtx ħlief lilek!
Widdibt lil min hu kburi. . .
u ma tkellimtx ħlief fuqek!
Għadabt għaż-żgħażagħ għaliex b'xagħ'rhom twil,
u nsejt li ruħhom, ġawhra hekk għażiża
illi għaliha mitt
u ssallabt
u lest nerġa' nissallab!
Għandek raġun ħabib!



Ibda kellimhom fuqi. . .
għidilhom illi jien għadni minxur
fuq l-istess għuda,
b'idejja miftuħin id-dinja nħaddan,
b'xagħri bħal tagħhom twil,
maħmuġ bid-demm. . .
fil-għera u l-għura
u tara kif bħal ħrief jisimgħu leħnek
Għix kif tippriedka u tgħallem.
Ħobb qabel lilek, lili
fihom. . .
Kun lest għalihom tħalli ħajtek
u tara kif jinġibdu lejk,
imbagħ'd, wara wkoll lejja!
Għax taħt dak ix-xagħ'r twil,
taħt dak l-ilbies marsus
u d-dbielet qsar u twal,
hemm għadam li jien stess fassalt,
bi qlub ta' żgħażagħ kbar,
xejn inqas kbar minn dawk t'elfejn sena ilu!
Hawn għadni msallab,
b'idejja miftuħin,
b'kuruna xewk inigġeż,
bix-xagħ'r twil twil, mitluq
maħmuġ bid-demm. . .
fil-għera u l-għura. . .
għalihom,
kif għalik
u għal ta' wrajkom. . .
Qabel taħsel tniżżilni mis-salib
kif tant tixtieq, ejja' itla' ħdejja.
Issallab inti wkoll, sabiex tqum miegħi.

***George Mercieca***

---

## *Indirizz ta' merħba li sar minn Mons. Arċipriet Emanuel Mercieca lill-Em. T. il-Kardinal Corrado Ursi, fl-okkażjoni tal-Festa Ċentinarja (1984).*

Eminenza Reverendissima,
L'ebbrezza della gioia che inonda l'anima mia in questa ora solenne e storica mi impedisce la parola. Che fare? Taccio? Non è il caso. Felicemente mi affiora sulla labbra in questo momento una parola. La più semplice. La più comune. La più orienaria. Eppure la più densa di significato. Grazie! Ecco una parola sonante, lampeggiante, infiammante, elettrizzante, dirci quasi magica. Grazie mille, Eminenza Reverendissima.

La Basilica Giorgiana stasera accoglie festosamente l'Eminenza Vostra, il Cardinale Corrado Ursi, l'Arcivescovo di Napoli, ospite degnissimo dei festeggiamenti che si tengono in questa Città Vittoria nell'occasione del decimo settimo centenario della nascita del Santo Martire e inclito Patrono. Agli squilli dei sacri bronzi che annunziavano l'arrivo dell'Eminentissimo Principe della Chiesa tutta la popolazione si versò densissima nel magnifico duomo per dargli il più cordiale benvenuto. E già si prevedeva. Una occasione aurea per riaccendere la fede, animare lo spirito, illuminare la mente, ritemprare la volontà, riscaldare infiammando il nostro cuore profondamente cattolico.

Domani, Eminenza Reverendissima, riceveremo dalle sue mani la reliquia insigne del Santo Martire portata al Gozo dalla Basilica del Velabro a Roma, tramite Mons Dante Balboni, segretario principale dei festeggiamenti tenuti a Roma. Seguirà una Messa Pontificale Solenne. Attraverso l'omelia d'occasione, gusteremo un'altra volta il fascino della sua parola inspirata che tanto classicamente si è fatta risuonare nella diverse sessioni del Concilio Vaticano Secondo e nel ventinovesimo Sinodo della grande Metropoli e Arcidiocesi di Napoli.

Grazie Eminenza! Con grato animo e memore pensiero ricorderemo il nome e la memoria di Colui che benedetto nel nome del Signore ci ha voluto onorare colla sua pregiatissima presenza in questi giorni indimenticabili.

A & M Printing Ltd. - 553217